MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1073/2012

**Mary Rose Gauci**

**vs**

**Michael Camilleri, iben il-mejjet John, imwieled Santa Venera u martu Doreen Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-26 ta' Ottubru 2012 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' Kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 24 ta' Gunju 2003 l-intimat ikkostitwixxat ruhu veru debitur tal-kreditrici Mary Rose Gauci kif jidher permezz ta' Dokument A in kwantu kreditu fl-ammont ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600.00) ,illum tal-valur ta' ghaxart elef seba' mija u hmistax-il euro u tnax-il centezmu (€10,715.12 ) mil-liema somma l-Intimat hallas pagamenti akkont u halla l-bilanc issa dovut ta' disat elef sitt mija u tmienja u tletin euro (€9,638.00).

2. Illi addizzjonalment ir-rikorrenti kienet avanzat u hallset dejn ghan-nom tal-intimat in kwantu hlas ghall-elettriku fl-ammont ta' tlett elef tlett mija u tmienja u sebghin euro (€3,378.00) liema somma hija ukoll certa u dovuta.

3. Illi nonsotante diversi promessi ta' pagament l-intimat baqgha inadempjenti.

4. lllí huwa ddekada mit-terminu tal-pagament previst fl-imsemmi att ufficjali.

5. Illi ghalhekk l-intimat ghandhu jhallas lir-rikorrenti Mary Rose Gauci l-kreditu moghti minnha fis-somma totali ta' tlettax-il elf u sittax il euro (EUR 13,016.00) bhala s-sorte u l-imghax dekorribbli min Marzu 2011 meta gie interpellat perrnezz ta' ittra ufficjali opportuna.

6. Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex jhallas l-imsemmi ammont kif jidher fl-ittri legali Dokumenti C, D u E, anke permezz ta' ittra interpellatorja datata ta' Marzu 2011 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dokument 'B'), izda baqa' inadempjenti.

7. Illi l-ammont dovut favur ir-rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'ghandhu l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi jressaq kontra t-talbiet rikorrenti.

8. Illi huwa dejjem accetta li jhallas tant li kien dispost u dderiga lir-rikorrent tippresenta abbozz ta' kostituzzjoni ta' debitu u terminu gdid f'Dokument F l-ammont pretiz u dovut izda dejjem naqas li jaddivjeni fuq l-iffirmar tal-istess.

Ghaldaqstant; ghar-ragunijiet premessi, ighid l-intimat , ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1) Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-flnijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2) Tiddikjara veru u cert debitur fl-ammont totali ta' tlettax-il elf u sittax-il euro (EUR 13,016.00) bhala s-sorte piu l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

3) Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikkorrenti Mary Rose Gauci s-somma totali ta' tlettax-il elf u sittax-il euro (EUR 13,016.00) u l-imghax mill- ta' Marzu 2011 u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra legali datata ta' Marzu 2011 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Doreen Camilleri li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi ir-rikors guramentat huwa null peress illi ghalkemm ir-rikorrenti hija mizzewga, ir-ragel taghha ma hux rikorrent flimkien maghha f'din il-kawza.

2. Illi fit-tieni lok jigi eccepit illi jekk wiehed jara t-talbiet attrici, dawn huma kollha indirizzati fil-konfront tal-intimat l-iehor Michael Camilleri, u kwindi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit iktar il-fuq, l-esponenti teccepixxi illi l-kreditu pretiz mir-rikorrenti ma jinkwadrax ruhu fl-ebda wahda mill-istanzi elenkati f'artikolu 1327 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-esponenti tkun obbligata thallas dan id-dejn, u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit iktar il-fuq, it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli fil-konfront tal-esponenti stante illi hija qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-istess rikorrenti u jekk sar xi dejn da parti ta' zewgha l-intimat l-iehor, li ilu snin twal separat de facto minn maghha, dan ghandu jithallas unikament mill-istess intimat u ghaldaqstant hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi fil-hames lok u minghajr ebda pregudizzju ghal dak eccepit aktar il-fuq, l-esponenti qatt ma kienet konxja tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu esebita mar-rikors promutur u li l-

intimat l-iehor iffirma ad insaputa taghha, u kwindi ghad-debitu derivanti mill-istess skrittura hija m'ghandhiex tigi tenuta responsabbli stante Ii dan kien att ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur tal-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, liema att jehtieg il-kunsens taz-zewg mizzewwgin.

6. IIli fir-rigward tal-kreditu allegat mir-rikorrenti fl-ammont ta' euro 3,378 l-esponenti teccepixxi illi hija qatt ma inkarigat lir-rikorrenti biex thallas l-istess dejn ghan-nom taghha u kwindi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Jigi ulterjorment eccepit illi l-istess debitu ma jinkwadrax ruhu ai termini tal-artikolu 1372 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi m'ghandux ikun piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenut Michael Camilleri baqa’ kontumaci;

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attrici qed tirreklama somma flus mghoddija lil konvenut Michael Camilleri in parti paga dovuta lilha meta kienet tahdem mieghu, in parti self biex ihallas manteniment dovut lil martu u in parti biex l-istess konvenut ihallas dejn in konnessjoni ma’ xoghol ta’ elettriku kkommissjonat minnu fid-dar matrimonjali b’kollox €13,016.

In sostenn ta’ parti mid-dejn giet esebita skrittura ta’ accettazzjoni tad-debitu da parti ta’ Michael Camilleri datata 24 ta’ Gunju 2003.

Saru hafna provi fil-mertu f'din il-kawza pero l-Qorti ser tindirizza dak li fil-fehma taghha huma l-kwistjonijiet legali saljenti. Il-konvenuta ressqet eccezzjoni preliminari li trid tigi indirizzata qabel kull ohra.

**Eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur**

Il-konvenuta qed issostni illi f'din il-kawza mhix legittimu kontradittur peress illi l-premessi u aktar, it-talbiet bl-ebda mod ma jolqtu lilha. Il-Qorti hi tal-fehma illi tista' biss tiddeciedi pretensjonijiet ta' parti skond kif maghmula u fil-konfront ta' min maghmula.

L-okkju tal-kawza hu indirizzat fil-konfront ta' zewg konvenuti cioe Michael Camilleri u martu Doreen Camilleri. Meta pero wiehed jifli l-premessi isib illi l-pretensjoni attrici huma diretti kollha fil-konfront ta' Michael Camilleri minghajr ebda referenza kif u ghaliex Doreen Camilleri, qua mart il-konvenut Michael Camilleri hi involuta fil-pretensjoni. Aktar minn hekk pero, t-talbiet huma indirizzati esklussivament fil-konfront ta' Michael Camilleri minghajr ebda referenza ghal konvenuta Doreen Camilleri u kif il-konvenuta tista' tkun direttament jew indirettament responsabbli fil-konfront tal-attrici.

Ma hemmx ness bejn dak mitlub u l-konvenuta, kif inhu obbligat attur li juri lil Qorti fl-att promotur. Mhux bizzejjed li jigu maghmula provi jew isiru sottomissjonijiet dwar ness bejn il-konvenuti naxxenti miz-zwieg bejniethom. Dan irid jirrizulta b'mod car mill-att promotur biex il-Qorti tkun tista' tikkunsidrahom u tiddeciedi dwarhom. Ma sar ebda accenn fl-att promotur kif il-konvenuta hi responsabbli fil-konfront tal-attrici ghal hlasijiet u self maghmulin direttament lil konvenut Michael Camilleri u fejn il-kontrattazzjoni saret esklussivament mieghu.

Il-kawza hi tal-parti u hi l-parti li trid tissodisfa lil Qorti mill-att promotur dwar dak mitlub u l-konnessjoni fattwali u legali fil-konfront ta' min qed issir it-talba. Fin-nuqqas il-Qorti ma tistax tehodha fuqha li tipprezumi dak li ma jirrizultax mill-att promotur jew li tissostitwixxi r-rwol taghha ta' gudikatur ghal wiehed fejn jista' jigi percepit li qed tassisti parti bi pregudizzju ghal ohra. Hu minnu illi l-formalitajiet zejda procedurali ma ghandhomx jostakolaw decizjonijiet

moghtija b'gustizzja pero din l-eccezzjoni mhix wahda formalistika li din il-Qorti tista' tinjora jew ddur maghha peress illi tolqot principju fundamentali ta' gudizzju cioe li d-decizjoni trid tittiehed fil-konfront ta' min qed jissejjah in gudikat u in linea ma' dak pretiz u xejn aktar.

Kif qalet il-Qorti Civili fil-kawza **K. B. Real Estate Ltd vs Silvio Felice Limited** (PA 13/03/2003) fejn gie osservat a propozitu:

> Illi ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha[1];
>
> Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wiehed isib ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tal-eccezzjoni tan-nullita' tal-Att tac-citazzjoni minhabba n-nuqqas ta' harsien tal-ligi. Hafna minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wiehed minnhom jaghti lok ghal azzjoni distinta u separata. Ghal xi zmien, il-forma tal-att gudizzjarju kienet issaltan, imma, biz-zmien u b'interventi tal-legislatur, issawret it-tejorija maghrufa bhala tal-ekwipollenti li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-propozizzjoni tal-azzjoni[2];
>
> Illi, ghalhekk, citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi[3]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha[4];
>
> Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att tac-citazzjoni, l-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma

---

[1] Ara, per ezempju, P.A. 5.6.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Sciortino et vs Micallef** (Kollez. Vol: XLIII.ii.748)

[2] P.A.: 9.3.1965 fil-kawza fl-ismijiet **M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.** (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) u s-sentenzi hemm imsemmija

[3] App. Civ.: 20.2.1935 fil-kawza fl-ismijiet **R. Merola pro et vs S. Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106)

[4] App. Civ.: 22.5.1967 fil-kawza fl-ismijiet **E. Scicluna vs M. Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); u Kumm. 19.6.1989 fil-kawza fl-ismijiet **Frendo noe vs Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971) u s-sentenzi hemm imsemmija

jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[5]

Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min marrikha[6] u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[7];

Illi fis-sentenza li ghaliha ghadha kemm saret riferenza ftit izjed 'il fuq[8], il-Qorti qalet li "hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut";

Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri[9]. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza[10], u ghalkemm id-dikjarazzjoni mahlufa hija mehtiega ad validitatem biex ic-citazzjoni tkun tiswa, dak li jinghad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att tac-citazzjoni[11], ghalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawzali u jiccaraha[12]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet[13];

[5] P.A. 15.12.1955 fil-kawza fl-ismijiet **Moore noe vs Falzon et.** (Kollez. Vol: XXXIX.ii.807)

[6] P.A.: 14.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet **J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779)

[7] App. Kumm. 20.1.1986 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit noe et**

[8] Ara nota 7 hawn fuq

[9] App. Civ.: 7.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet **J. Tabone vs J. DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)

[10] App. Civ. 30.3.1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea**

[11] Ara P.A. 6.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet **Zahra vs Zahra et** (Kollez. Vol: XLII.ii.948)

[12] App. Civ. 23.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet **Savona noe vs Asphar** (Kollez. Vol: XXXII.i.228); u P.A. 6.6.1957 fil-kawza fl-ismijiet **Demarco vs Fiteni** (Kollez. Vol: XLI.ii.1035)

[13] P.A.: 24.6.1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLVIII.ii)

Mehuda fil-perspettiva ta' din is-sentenza, il-Qorti tqis illi l-konvenuta bl-ebda mod ma tista' titqies parti li fil-konfront taghha l-attrici qed titlob rimedju.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenuta Doreen Camilleri hi ben fondata fil-konfront tal-attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, minghajr pregudizzju ghar-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti li ghandhom jibqghu mpregudikati b'dan il-gudizzju.

**Mertu fil-konfront tal-konvenut Michael Camilleri**

Il-konvenut ma jichadx li l-attrici hallset il-kontijiet ta' xogholijiet ta' dawl u ilma intraprizi minnu u li kienet issellfu biex ihallas il-manteniment lil martu, u kienu dovuti xi pagi lil attrici. A fol. 100 tal-process il-konvenut jammetti li ghandu jaghti l-bilanc dovut mill-iskrittura tal-2003 u jaqbel ukoll li hu dovut id-dejn tal-elettriku u ilma ghalkemm fuq dan l-ahhar ammont jallega li martu ghandha tbati nofsu (fol. 98 tal-process).

Il-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni interna tar-relazzjonijiet matrimonajli bejn il-konvenuti li ilhom snin separati de facto izda ma jirrizultax li hemm separazzjoni formali.

Dak li jirrizulta bhal fatt hu illi l-ammont bilancjali li l-attrici tallega hu dovut lilha kif tixhed hi fl-affidavit taghha, ma hux kontestat mill-konvenut u ghalhekk din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Michael Camilleri.

In kwantu ghall-imghax kummercjali mitlub, din il-Qorti ma taqbilx li l-imghax dovut hu wiehed kummercjali billi s-somom mislufa kienu personali fis-sens li ma kienux in konnessjoni mal-kummerc billi jirrigwardaw manteniment, self ghal hlasijiet fid-dar konjugali tal-konvenut u bilanc tal-paga.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Doreen Camilleri u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-attrici, u tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront ta’ Michael Camilleri, u tikkundannah ihallas lil attrici s-somma ta’ €13,016 bl-imghax dekorribbli mill-ittra ufficjali ta’ Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut Michael Camilleri hlief ghall-ispejjez tal-konvenuta Doreen Camilleri li ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------